MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 609/2011

**Perit Frank Giordimaina-Medici**
**ID 681249M**

**Vs**

**Cassar Lino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2011 illi l-ammont dovut bhala bilanc fuq skrittura private datat 28 ta' April, 2010 fejn l-intimat iddikjara ruhu bhala debitur tar-rikorrent.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex thallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir ta' din il-kawza.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-10 ta' April, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-10 ta' April, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-attur is-somma ta' elf mija u sittax-il ewro (€1,116) bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karrigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------